MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2017

Rikors Maħluf numru 923/14LM

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C-476)**

***vs.***

**Marco Aquilina (K.I. 105069M), Cocktail Limited (C-35704) u Carisma Limited (C-37961)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi **Farsons Beverage Imports Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li ġie ppreżentat fil-23 ta' Ottubru, 2014, u maħluf mill-Avukat Dottor Maria Karlsson in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, kif debitament awtorizzata, li jgħid kif ġej:

1. *Illi f'perjodi differenti, is-soċjetà rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited u qabilha Anthony Caruana and Sons Limited (li kienet ġiet amalgamata ma' l-istess soċjetà rikorrenti), fil-kors tan-negozju tagħhom u fuq ordni tal-intimati Marco Aquilina u Cocktail Limited, jew min minnhom, biegħu u debitament ikkonsenjaw lill-intimati, jew min minnhom, prodotti tax-xorb;*

2. *Illi għall-istess prodotti mibjugħa u kkonsenjati, l-intimati Marco Aquilina u Cocktail Limited, jew min minnhom, ħallsu biss in parte. Illi l-bilanċ rimanenti għall-istess prodotti huwa ta' tmienja u tletin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€38,671.16) u dana kif jirriżulta mill-annessi statements of account immarkati Dok. 'MKI'.*[1]

3. *Illi għalhekk l-intimati Marco Aquilina u Cocktail Limited, jew min minnhom, għandhom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€38,671.16), eskluż l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

4. *Illi f'perjodi differenti, is-soċjetà rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited u qabilha Anthony Caruana & Sons Limited (li kienet ġiet amalgamata mal-istess soċjetà rikorrenti), fil-kors tan-negozju tagħhom u fuq ordni tal-intimati Marco Aquilina u Carisma Limited, jew min minnhom, biegħu u debitament ikkonsenjaw lill-intimati, jew min minnhom, prodotti tax-xorb;*

5. *Illi għall-istess prodotti mibjugħa u kkonsenjati, l-istess Marco Aquilina u Carisma Limited, jew min minnhom, ħallsu biss in parte. Illi l-bilanċ rimanenti għall-istess prodotti huwa ta' tlett elef tliet mija u sebgħa u sittin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79), u dana kif jirriżulta mill-annessi statements of account immarkati Dok. 'MK2'* [2]*.*

6. *Illi għalhekk l-intimati Marco Acquilina u Carisma Limited, jew min minnhom, għandhom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' tlett elef tliet mija u sebgħa u sittin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79), esklużi l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

7. *Illi għalhekk l-intimati bejniethom, għandhom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma totali ta' tnejn u erbgħin elf tmienja u tletin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€42,038.95), esklużi l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

[1] *A fol.* 1 sa 10 tal-proċess.
[2] *A fol.* 11 tal-proċess.

8. *Illi l-ammont dovut mill-intimati, huwa ammont ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taħt l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni valida skont il-liġi xi jressqu kontra t-talbiet rikorrenti.*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħidu l-intimati, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, previa kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

   1) *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

   2) *Tiddikjara li l-intimati Marco Aquilina u Cocktail Limited, jew min minnhom, għandhom jagħtu, jew min minnhom, lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€38,671.16), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

   3) *Tikkundanna lill-intimati Marco Aquilina u Cocktail Limited, jew min minnhom, iħallsu, jew min minnhom, lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€38,671.16), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

   4) *Tiddikjara li l-intimati Marco Aquilina u Carisma Limited, jew min minnhom, għandhom jagħtu, jew min minnhom, lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlett elef tliet mija u sebgħa u sittin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79),u dan otre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

   5) *Tikkundanna li l-intimati Marco Aquilina u Carisma Limited, jew min minnhom, iħallsu, jew min minnhom, lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlett elef tliet mija u sebgħa u sittin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79),u dan oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjeż kollha, iklużi dawk tal-ittri uffiċjali tad-9 ta' Awwissu, 2011, u bl-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimati, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta’ Marzu, 2015 deher il-konvenut Marco Aquilina u wara li l-Qorti semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet, qieset li l-konvenuti għandhom eċċezzjonijiet x’jagħtu.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Marco Aquilina** (minn issa ’l quddiem “il-konvenut), tas-soċjetà konvenuta **Cocktail Limited** (minn issa ’l quddiem “l-ewwel soċjetà konvenuta”) u tas-soċjetà konvenuta **Carisma Limited** (minn issa ’l quddiem “it-tieni soċjetà konvenuta”), li ġiet ippreżentata fl-24 ta’ Marzu, 2015, u maħlufa minn Sandro Aquilina għan-nom u in rappreżentanza ta’ Carisma Limited, kif debitament awtorizzat, li biha eċċepew:

I. *ILLI, in linea preliminari, l-eċċipjent Marco Aquilina mhuwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi kif dedotti, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi, u huwa qatt ma ordna, fil-kapaċità tiegħu personali, l-konsenji li qed titlob il-ħlas tagħhom l-istess kumpannija attriċi f’din l-istanza;*

II. *ILLI, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talbiet attriċi kif dedotti huma intempestivi, u għalhekk insostenibbli fil-konfront tal-eċċipjenti, billi l-istess eċċipjenti qatt ma ġew mgħarrfa, permezz ta’ att ġudizzjarju, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta), biċ-ċessjoni ta’ kreditu bejn Anthony Caruana & Sons Limited u l-kumpannija attriċi, qabel ma saret l-azzjoni odjerna;*

III. *ILLI, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta’ (18) tmintax-il xahar, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta);*

IV. *ILLI, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta’ ħames (5) snin, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta);*

V. *ILLI, fil-meritu, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija attriċi jeħtiġilha tressaq prova ċara tal-konsenji kollha li qed titlob il-ħlas tagħhom f'din l-istanza, u tal-valur tal-istess konsenji, skont il-liġi, inkluż, fost oħrajn, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

VI. *ILLI, fil-meritu, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

VII. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Frar, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob f'din il-kawża il-ħlas tal-bilanċ dovut għall-bejgħ ta' merkanzija konsistenti f'xorb, spirti u birer ikkonsenjata lill-istabbilimenti The Edge u Fratelli Bar and Restaurant. Skont is-soċjetà attriċi l-ħlas dovut għall-merkanzija kkonsenjata lil The Edge jammonta għal €38,671.16. Din il-parti tat-talba għall-ħlas qiegħda ssir kontra s-soċjetà konvenuta Cocktail Limited li tiġġestixxi dan l-stabbiliment u kontra l-konvenut Marco Aquilina li allegatament kien iffirma *credit application form* fejn dan kien daħal personalment garanti. Din il-merkanzija kwantu għall-ammont ta' €9,136.94 kienet fornuta mis-soċjetà attriċi u tkopri fatturi mit-12 ta' Lulju 2005 sas-16 ta' Jannar, 2013[3], kwantu għall-ammont ta' €7,201.60 kienet fornuta mis-soċjetà Anthony Caruana & Sons Limited, li kienet amalgamata sussegwentement mas-soċjetà Wands Limited, li wara biddlet isimha għall-isem attwali tas-soċjetà attriċi preżenti u tkopri fatturi mid-29 ta' Ottubru 2007 sad-19 ta' Awwissu, 2008[4] u kwantu għall-ammont ta' €22,332.62 kienet fornuta mis-soċjetà Guido Vella Limited, li ukoll kienet sussegwentement amalgamata ma' Wands Limited, u tkopri fatturi mis-6 ta' Marzu 2007 sas-6 ta' Novembru, 2012.[5]

Skont is-soċjetà attriċi l-ħlas dovut għall-merkanzija kkonsenjata lil Fratelli Bar and Restaurant jammonta għal €3,367.79. Din il-parti tat-talba għall-ħlas qiegħda ssir kontra s-soċjetà konvenuta Carisma Limited, li kienet f'dak iż-żminijiet tiġġestixxi l-imsemmi ristorant kif ukoll kontra Marco Aquilina li kien allegatament iffirma *credit application form* li fiha kien daħal

[3] *Vide statement a fol.* 4 sa 7.
[4] *Vide statement a fol.* 8 sa 10.
[5] *Vide statement a fol.*10 u 10A.

personalment garanti. Din il-merkanzija kwantu għall-ammont ta' €2,343.82 kienet fornuta mis-soċjetà attriċi u kienet tkopri fatturi mit-3 ta' Ġunju, 2008 sal-14 ta' Marzu, 2012[6] u kwantu għall-ammont ta' €1,023.97 kienet fornuta mis-soċjetà Anthony Caruana & Sons Limited, li kif ingħad amalgamat mas-soċjetà attriċi preżenti u tkopri fatturi mit-3 ta' Ġunju, 2008 sal-14 ta' Awwissu, 2008.

Il-konvenut u ż-żewġ soċjetajiet konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi billi eċċepew:

A. In linea preliminari: (i) Il-konvenut Marco Aquilina mhuwiex leġittimu kontradittur; (ii) kwantu għall-ammonti li kienu fornuti mis-soċjetajiet Anthony Caruana & Sons Limited u Guido Vella Limited, l-intempestività stante li fil-każ ta' ċessjonijiet ta' kreditu, biex dan il-kreditu jinġabar mill-kredituri, id-debituri jridu l-ewwel jiġu mgħarrfa b'att ġudizzjarju skont l-artikolu 1471 tal-Kapitolu 16; (iii) Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skont l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16; (iv) Mingħajr preġudizzju l-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artikolu 2156 (f) tal-istess Kap. 16.

B. Fil-mertu: (i) Is-soċjetà attriċi jeħtieġilha tipprova d-dejn b'mod ċar, kif jitlob ukoll l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 u (ii) L-infondatezza tat-talbiet.

[6] *Vide statement fol.*11.

**Provi u riżultanzi**

Ix-xhud **Rosanne Micallef**[7] *Credit Control Manager* tal-istess soċjetà spjegat li l-bilanċ dovut kien għall-merkanzija li kienet ġiet ikkonsenjata lill-*outlets* li dak iż-żmien kienu ġestiti mill-konvenut, u ċjoè Fratelli Bar and Restaurant u The Edge, li kienu jordnaw l-konvenut u n-nies tiegħu. Micallef xehdet ukoll li kellha diversi laqgħat mal-konvenut fl-uffiċċju tagħha bl-iskop li jaslu għal *repayment agreement* u stqarret li l-konvenut kien diġà beda jagħmel ħlasijiet akkont tal-bilanċ, però dan waqaf bil-ħlasijiet f'Awwissu tal-2011. Rosanne Micallef ikkonfermat illi l-konvenut reġa' kellu *meeting* magħha u ma' Joe Camilleri, *debt collector* tas-soċjetà attriċi fl-uffiċċju tagħha fit-8 ta' April, 2015. Skont din ix-xhud, waqt din il-laqgħa l-konvenut qabel illi l-ammont kien dovut u kien wegħedhom li kif jibda jieħu minn xi Taljani r-renta tal-*outlet* Fratelli tal-Valletta Waterfront ta' madwar €10,000 fix-xahar, kien se jibda jaqta' l-ammonti dovuti, l-ewwel pagament kellu jkun f'Ġunju 2015, però ħallas €500 akkont lil Joe Camilleri fil-11 ta' Mejju, 2015.[8] Din ix-xhud kompliet tgħid illi ma kinitx saret skrittura, però hi kienet uriet lill-konvenut l-i*statements* u l-inkartamenti li fuqhom ħażżeż xi *workings* biex juri li kien ser jaqta' d-dejn dovut.[9] Rosanne Micallef esebit id-dokumentazzjoni kollha[10] li qalet li qabel magħha l-konvenut u li ammetta li hija dovuta, li però tkopri biss l-*istatements* u l-fatturi kollha maħruġin minn Wands Limited, Farsons u Anthony Caruana & Sons Limited, imma ma ġewx esebiti l-i*statements* u fatturi maħruġin minn Guido Vella Limited, tant li l-ammont globali kopert bl-imsemmija dokumentazzjoni huwa ta' €19,706.33 u jifdal għalhekk il-bilanċ għal żmien li l-merkanzija kienet tiġi fornuta minn Guido Vella Limited fis-

[7] *A fol.* 33 sa 36 tal-proċess.
[8] *Vide fol.* 35 tal-proċess.
[9] *Vide fol.* 36 tal-proċess.
[10] *A fol.* 42 sa 99 tal-proċess.

somma ta' €22,332.62. Din il-Qorti tissenjala li dan huwa nuqqas da parti tas-soċjetà attriċi li sejjer ikollu l-konsegwenzi tiegħu għar-rigward tal-preskrizzjoni u anki kwantu għall-provi tad-dejn innisfu.

In kontroeżami[11], ix-xhud Rosanne Micallef ikkonfermat li s-soċjetà Carisma Limited fil-fatt kienet tiġġestixxi l-Fratelli Bar and Restaurant u Cocktail Limited kienet tiġġestixxi The Edge. Inoltre hija kkonfermat li n-numri tal-VAT fuq l-fatturi kienu taż-żewġ soċjetajiet konvenuti, iżda xehdet ukoll[12] li meta bdiet ir-relazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut Marco Aquilina, hu kien iffirma *credit application* biex beda jingħatalu kreditu, fejn fuq l-istess formola dan daħal garanti personali għad-dejn tas-soċjetajiet konvenuti. Meta ġiet mistoqsija għal kopja ta' din il-*credit application form*, hi wieġbet: "Għandi l-oriġinali, suppost ġa għamilna kopja", imma din il-kopja fl-aħħar mill-aħħar ma ġietx esebita.

Xehed ukoll **Joseph Camilleri**, *debt collector* tas-soċjetà attriċi li semma l-aħħar ħlas li għamel il-konvenut ta' €500 f'Mejju tat-2015. Semma wkoll li kien hemm żmien fejn il-konvenut kien iħallas b'mod regolari, però wara l-mewt ta' missieru, il-konvenut kien sab ruħu f'diffikultajiet u kien stqarr miegħu li missieru ħallielu xi problemi, però dejjem kien jgħid li ser iħallas l-ammont kollu.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Kenneth Pullicino**[13], *company secretary* tas-soċjetà attriċi, li kien jinkludi dokumentazzjoni li turi li Anthony Caruana & Sons Limited ġiet reġistrata bħala kumpannija fit-2 ta' Lulju, 1985

[11] A fol. 133 u 136 tal-proċess.
[12] *A fol.* 134 tal-proċess.
[13] *A fol.* 102 tal-proċess.

u fil-31 ta' Jannar, 2009 din amalgamat mas-soċjetà Wands Limited u ġiet għalhekk *struct off*. Jirriżulta li Wands Limited kienet l-unika azzjonista ta' Anthony Caruana & Sons Limited. Guido Vella Limited ġiet reġistrata fl-20 ta' Marzu, 1992, u amalgamat ma' Wands Limited fit-30 ta' Jannar, 2009, li kienet ukoll l-unika azzjonista ta' Guido Vella Limited li ġiet ukoll għalhekk *struck off* bħala kumpannija. Wands Limited hija fil-fatt is-soċjetà attriċi li biddlet isimha għal dak odjern fis-17 ta' Ġunju, 2009. Fl-affidavit tiegħu Kenneth Pullicino jispjega li skont l-artikolu 354 tal-Kapitolu 386 ma hemmx obbligu li ssir in-notifika taċ-ċessjoni tad-debiti lid-debituri b'att ġudizzjarju biex is-soċjetà attriċi tiġbor id-djun, stante li dan il-kreditu ġie trasferit lilha permezz tal-amalgamazzjoni tas-soċjetajiet imsemmija kif fuq spjegat.

In kontroeżami[14] ix-xhud Kenneth Pullicino kkonferma li l-konvenut u s-soċjetajiet konvenuti qatt ma kienu notifikati b'ittra uffiċjali qabel ma nfetħet il-kawża biex jiġu infurmati bl-amalgazzjonijiet li saru.

Xehed ukoll il-konvenut **Marco Aquilina**[15] li spjega li hu u ħuh kienu xtraw 50% kull wieħed tal-ishma tas-soċjetà Carisma Limited li kellha l-ġestjoni u l-kirja tar-ristorant Fratelli fil-Valletta Waterfront mingħand il-Valletta Cruise Port. Il-konvenut Marco Aquilina jgħid illi l-operat ta' dan ir-ristorant ma kinux jieħdu ħsieb hu u ħuh, imma kienu jieħdu ħsieb direttur u żewġ *managers.*

Il-konvenut Marco Aquilina jgħid ukoll illi kienu xtraw 50 fil-mija tal-ishma tas-soċjetà Cocktail Limited u kien azzjonista b'50% tal-ishma tas-soċjetà Innovative Entertainment Limited ġo Cocktail Limited, li kienet tmexxi l-bar

[14] *A fol.* 139 sa 141.
[15] *A fol.* 145 sa 152.

The Edge. Aquilina jsostni li huwa kien biss *shareholder* fiż-żewġ stabbilimenti u li qatt ma xtara prodotti għal dawn l-istabbilimenti mingħand Farsons għax hu biss *shareholder* u ma jkunx f'dawn l-istabbilimenti.

Il-konvenut Marco Aquilina kkonferma li l-fatturi li jgħajtu lil Fratelli Bar and Restaurant, li llum jinsab magħluq għax kien qed jitlef il-flus, kien iffirmahom ħuh Sandro Aquilina. Marco Aquilina stqarr li fil-laqgħa li kellu ma' Rosanne Micallef kien iddikjara li kienu ser iħallsuhom, jiġifieri mhux hu personalment iżda s-soċjetajiet konvenuti. Kien qal ukoll illi meta jbigħu r-ristorant, kien ser iħallas lil Farsons u lill-kredituri oħrajn, però min kien xtara r-ristorant kien baqagħlu jħallsu mal-€65,000 u ħarab minn Malta u issa qegħdin ifittxuhom bil-Qorti.

Rigward il-firem fuq l-fatturi ta' The Edge, il-konvenut Marco Aquilina jgħid li ma setax jaf minn iffirma għalihom u kien hemm min qallu li l-merkanzija kienet xi kultant titħalla barra meta tad-*deliveries* ma kien isib lil ħadd. Illum huwa xtara l-ishma kollha tas-soċjetà Cocktail Limited u The Edge nbidlulu l-impjegati kollha għax issa willieh lil terżi.

In kontroeżami[16] l-konvenut Marco Aquilina jikkonferma li wara l-laqgħa suriferita, huwa kien xi drabi ħallas *cash* u ħallas dejjem *on account* mhux għal xi fatturi partikolari. "Konna ntuhom *payment on account* bħala *good will.* Speċi rridu nirranġaw dawn il-pendenzi kollha."[17] Però jgħid, meta xehed fi Frar tal-2017, illi dan il-*meeting* kien sar madwar erba' snin qabel.

[16] *A fol.* 157 sa 159.
[17] *A fol.* 157 tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti trid tiddeċiedi din il-vertenza skont il-liġi iżda abbażi tal-provi li jiġu ppreżentati quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[18], li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dejn irid jippruvah l-attur, però kull ċirkostanza oħra sollevata mill-konvenuti fl-eċċezzjonijiet tagħhom trid tiġi ppruvata mill-konvenuti.

Il-Qorti ser teżamina l-ewwel nett l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti u dan abbażi tat-tagħlim ġurisprudenzjali u xhieda u dokumentazzjoni li ġew imressqa mill-partijiet.

Illi kwantu għall-eċċezzjoni tal-konvenut Marco Aquilina illi mhuwiex leġittimu kontradittur, il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et. vs.* Jason Azzopardi *et.***[19] dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha

[18] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972; **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995; **Anthony Azzopardi *et. noe. vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015; **Theuma *vs.* Mercieca,** Qorti tal-Appell, 20.02.1996; **Fenech Clarke *et. vs.* Borg *et.,*** Qorti tal-Appell, 30.05.1997; **Martin Mifsud *et. vs.* Marika Almerigo,** P.A., 16.04.2013; **Joseph Zammit *vs.* Joseph Hili**, Qorti tal-Appell, 27.06.1953; **Frank Giordimaina Medici *et. vs.* William Rizzo et., P.A.,** 28.04.2004; **Middle Sea Insurance p.l.c. *vs.* Rudolph Spiteri**, P.A., 31.01.07; **Mizzi *noe. vs.* Borg *et.,*** P.A., 29.09.2009.
[19] Q.A., 05.10.2001.

obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.

Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".

Illi fil-każ odjern jirriżulta li r-raġuni prinċipali għalfejn il-konvenut Marco Aquilina ġie imħarrek personalment kienet, skont kif xehdet Rosanne Micallef il-*Credit Control Manager* tas-soċjetà attriċi, li Marco Aquilina jidher li kien ta ruħu bħala garanti personali għas-soċjetajiet konvenuti fil-*credit application form* jew *forms.* Li kieku ma kienx għal din il-formola jew formoli, jidher li l-konvenut Marco Aquilina kien jtqies biss bħala *shareholder* tas-soċjetajiet konvenuti.

Tqis illi l-Qrati tagħna kemm-il darba aċċettaw li anki jekk ikun hemm biss il-firma ta' persuna fuq *credit application form* fejn jagħti ruħu bħala garanti għall-ħlas tad-djun ta' soċjetà jew soċjetajiet u dan b'mod unilaterali, tali garanzija titqies bħala valida. F'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, ġiet aċċettata garanzija personali għad-dejn ta' kumpannija, fuq *credit application form* anki jekk mhux iffirmata mill-attur kreditur li però

kkonsenja merkanzija wara li kienet saret tali garanzija.[20] Għalhekk minn dak illi xehdet Rosanne Micallef, jista' jagħti l-każ illi Marco Aquilina kien daħal personalment responsabbli għad-dejn tas-soċjetajiet konvenuti, madankollu s-soċjetà attriċi naqset illi tressaq l-aħjar prova ta' din il-garanzija għax ma ppreżentatx kopja awtentikata tal-imsemmija *credit application form* minkejja li x-xhud Rosanne Micallef qalet li għandha l-oriġinal tagħha. Evidentement il-Qorti ma tistax toqgħod fuq id-dikjarazzjoni ta' din ix-xhud dwar l-imsemmi dokument meta suppost li jeżisti d-dokument oriġinali nnifsu bħala l-aħjar prova. Ladarba ma ġiex ippreżentat dan id-dokument bħala l-aħjar prova, fis-sitwazzjoni fejn dak li qiegħed jiġi asserit mix-xhud Rosanne Micallef huwa kontradett mill-konvenut Marco Aquilina, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-konvenut Marco Aquilina mhuwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi kif dedotti, għandha tiġi milqugħa.

Illi kwantu għall eċċezzjoni tal-intempestività sollevata mill-konvenuti fir-rigward tal-prodotti li kienu fornuti mis-soċjetajiet Anthony Caruana & Sons Limited u Guido Vella Limited, stante li fil-każ ta' ċessjonijiet ta' kreditu biex dan il-kreditu jinġabar mill-kredituri, li d-debituri jridu l-ewwel jiġu mgħarrfa b'att ġudizzjarju skont l-artikolu 1471 tal-Kapitolu 16, tqis illi dan l-artikolu dwar ċessjonijiet ta' krediti jipprovdi illi:

> "1471. Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent."

---

[20] **Anthony Farrugia Company Limited *vs.* Wallace Fino et.,** P.A., 25.11.2011 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, 27.05.2016.

Però kif fil-fatt stqarr il-*company secretary* tas-soċjetà attriċi Kenneth Pullicino, fir-rigward ta' amalgamazzjonijiet ta' kumpanniji, li mhix strettament sempliċi ċessjoni ta' kreditu, l-artikolu 354(1)(a) tal-Kapitolu 396 jispeċifika li:

> "354. (1) Amalgamazzjoni jkollha l-konsegwenzi li ġejjin –
>
> (*a*) il-kumpannija li tkun se takkwista tidħol għall-attiv, il-jeddijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpanniji li se jkunu akkwistati, kemm bejn il-kumpanniji li se jkunu akkwistati u l-kumpannija li se takkwista, kif ukoll fir-rigward ta' terzi, mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalitajiet barra dawk li joħorġu taħt dan it-Titolu; "

Taħt it-Titolu Amalgamazzjonijiet ta' Kumpanniji fi ħdan il-Kap. 396 ma hemm ebda rekwiżit simili għal dak speċifikat bl-artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè li jrid jingħata pre-avviż taċ-ċessjoni mill-kreditur lid-debituri permezz ta' att ġudizzjarju. Abbażi tal-massima *lex specialis derogat generali,* id-dispożizzjoni legali taħt il-liġi tal-kumpanniji tieħu preċedenza fuq l-artikolu ġenerali taħt il-Kodiċi Ċivili f'każ ta' ċessjonijiet ta' djun b'riżultat ta' amalgamazzjoni ta' kumpanniji. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa u konsegwentement il-Qorti tqis illi l-kawża ma saritx intempestivament.

Illi l-konvenuti jeċċepixxu wkoll il-preskrizzjoni estintiva, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skont l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 u mingħajr preġudizzju għal dan, il-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artikolu 2556(f) tal-istess kapitolu. L-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 jagħmel riferiment għal bejgħ bl-imnut filwaqt li l-artikolu 2556(f) jagħmel riferiment għal bejgħ bl-ingrossa. Għad illi huwa ben evidenti illi l-każ mertu ta' din il-kawża jittratta bejgħ bl-ingrossa, il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Formosa *vs.* Salvu**

**Debono**[21] fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kellha l-okkażjoni tislet b'mod studjat id-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa:

"Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (l-artikolu 2148) hemm dik tal-kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra simili mibjugħa bl-imnut (li jista' wkoll jinkludi ġebel). Il-ġurisprudenza tagħna tagħti kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi bejn grossista u dettaljatur u dan hu illi filwaqt li l-grossista aktarx ibiegħ lil min jikkumerċja fil-ħaġa, id-dettaljatur ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati fil-bżonn tal-istess konsumatur, jiġifieri illi kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendità f'partiti żgħar ta' merċi jew derivati lil tal-ħanut jew minutant li jixtri mingħand negozjant. Jidher ċar illi bil-kelma bl-imnut, il-liġi tikkontempla lil dawk kollha kummerċjanti jew le li jbigħu oġġetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux." (**Vol. XLV.iii.811**)

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Borg *vs.* Dr. Giovanni Bonello *et. nomine*** deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1970 irriteniet illi kuntrarjament għal-liġi Taljana u Franċiża, il-liġi Maltija ma kenitx tibbaża d-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa fuq jekk min jixtri kienx jew le jinnegozja fl-oġġett minu mixtri. Il-ġurisprudenza però kienet issuplimentat għal dan is-silenzju u kienet tikkonsidra l-grossist bħala wieħed li *"per lo più vende a coloro che commerciano nella cosa comprata"* filwaqt li kienet tikkonsidra lill-minutant bħala dak li *"vende per lo più ai consumatori e in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro*". (**Vol. XIII.294**).

Ġie ritenut ukoll:-

"Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgħ bl-ingrossa u dak bl-imnut …… jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugħ. Jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u anke miżurat mill-bżonn tax-xerrej żgħir, allura l-bejgħ ikun bid-dettall."

Fil-każ taħt eżami, kien ovvju illi l-kwantità akkwistata matul il-perjodu kien wieħed rilevanti kif jista' jiġi wkoll stabbilit mill-valuri li jirrappreżentaw il-prezz tal-ġebel mibjugħ, apparti wkoll il-fatt illi jirriżulta provat illi l-konvenut akkwista l-ġebel biex jimpjegah f'diversi

[21] 05.10.2001.

kostruzzjonijiet minnu magħmula. Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi hawn si tratta ta' bejgħ bl-ingrossa u mhux bl-imnut u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli kienet ċertament dik indikata mill-appellat attur fir-risposta ta' l-appell tiegħu u ċioè s-subinċiż (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili."

Illi hekk ukoll f'dan il-każ, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin stante li l-merkanzija kienet tingħata lill-istabbilimenti bl-ingrossa. Iżda jirriżulta mix-xhieda tal-imsemmiija Rosanne Micallef illi kien hemm ammissjoni ta' Marco Aquilina għan-nom tas-soċjetajiet konvenuti, u din il-Qorti ma għandhiex għalxiex tiddubita mill-kredibbilità tax-xhud Rosanne Micallef. Però kif diġà ngħad din tirrigwarda biss il-fatturi kollha li ġew esebiti minnha, u ċjoè huma esklużi dawk il-fatturi li oriġinarjament kienu inħarġu minn Guido Vella Limited.

Tqis ukoll li skont ix-xhieda ta' Joseph Camilleri l-aħħar pagament li għamel Marco Aquilina għan-nom tas-soċjetajiet konvenuti kien ta' €500 kien f'Mejju tat-2015 akkont tas-somma totali kollha dovuta. Marco Aquilina stess ammetta fix-xhieda tiegħu li dan kien għamlu bħala sinjal ta' *goodwill* u l-ħlasijiet li beda jagħmel għan-nom is-soċjetajiet konvenuti kienu dejjem akkont tas-somma globali dovuta.

Illi skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[22] ammissjoni tad-debitu huwa wieħed mill-modi kif tista' tiġi interrotta l-preskrizzjoni li tista' tiġi interrotta wkoll bi ħlas akkont mid-debitur.[23]

---

[22] **Mary Rose Tabone qabel Stellini *vs.* Silvio Vassallo *pro. et. noe.*** Q.A., 24.03.2004; **Ramel u Żrar Limited *vs.* Mixer Limited ġja Planka Limited *et.*,** P.A., 22.04.2004; **Antonia Attard Gialanze *vs.* Emanuel Rizzo *et.*,** Q.A., 29.01.1998; **Annunziato Camilleri *vs.* Angelo Borg,** P.A., 21.03.1959 u **Patrick Stanies *noe. vs.* Charles Falzon *noe. et.*,** P.A., 03.10.2002.

[23] Artikolu 2134**,** Kap. 16: "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li ikun jidher għalih."

Tqis għalhekk illi jirriżulta sodisfaċentement li l-ammonti koperti bid-dokumenti esebiti mix-xhud Rosanne Micallef kienu u għadhom dovuti sal-lum. Fir-rigward tal-merkanzija li kienet tiġi fornuta minn Guido Vella Limited fis-somma ta' €22,332.62 mhux biss hemm dubju serju dwar dan, li allura għandu jmur favur il-konvenuti, mhux biss ma kienx hemm ammissjoni dwaru u qatt ma kien rikonoxxut mill-konvenuti, imma anki s-soċjetà attriċi ma esebitx l-fatturi relattivi għal dan l-ammont u għalhekk ma jistax jitqies li ġie ppruvat li hu dovut lis-soċjetà attriċi.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-ragunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(i) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenut Marco Aquilina;**

**(ii) Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti;**

**(iii) Tiddikjara illi is-soċjetà konvenuta Cocktail Limited hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Farsons Beverage Imports Company Limited fis-somma ta' sittax-il elf, tliet mija u tmienja u tletin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,338.54);**

**(iv) Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta Carisma Limited hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Farsons Beverage Imports Company Limited fis-somma ta' tlett elef, tliet mija u sebgħa u sittin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79);**

**(v) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Cocktail Limited biex tħallas lis-soċjetà attriċi Farsons Beverage Imports Company Limited is-somma ta' sittax-il elf, tliet mija u tmienja u tletin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,338.54) bl-imgħax kummerċjali li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv;**

**(vi) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Carisma Limited tħallas lis-soċjetà attriċi Farsons Beverage Imports Company Limited is-somma ta' tlett elef, tliet mija u sebgħa u sittin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,367.79) bl-imgħax kummerċjali li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetajiet konvenuti ħlief dawk relatati mal-konvenut Marco Aquilina li għandhom jitħallsu mis-soċjetà attriċi Farsons Beverage Imports Comany Limited.**

Moqrija.